# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**14 TA' NOVEMBRU, 2022**

**Rik. Ġur. nru. 923/2017 RGM**

**Istituto per le Opere di Religione**

**Vs**

**Futura Funds Sicav p.l.c. et.**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa provvediment dwar (i) it-talba tal-konvenuti mressqa fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2022 fejn talbu li l-affidavit tax-xhud Rolando Marranci, preżentat in atti mill-attur Istituto per le Opere di Religione (IOR), jiġi sfilzat peress li x-xhud ma deherx għas-seduta tas-27 ta' Settembru 2022 li kienet intiża għall-kontro eżami tiegħu kif ukoll dwar (ii) it-talba ta' IOR sabiex il-kontro eżami tax-xhud Rolando Marranci in segwitu għall-affidavit tiegħu isir b'mod remot bil-mezz ta' vidjokonferenza u mhux bil-presenza fiżika tiegħu fl-awla kif kellu jsir fl-aħħar seduta quddiem il-qorti.

2. Bħala sfond jingħad illi fi tmiem is-seduta tas-16 ta' Mejju 2022 ġew iffissati żewġ seduti, waħda għat-8 ta' Ġunju 2022 u oħra għas-27 ta' Settembru 2022 intiżi, dik tat-8 ta' Ġunju 2022 għall-kontro eżami tax-xhud Paolo Colombo filwaqt li dik tas-27 ta' Settembru 2022 għall-kontro-eżami ta' Rolando Marranci u xhieda oħra. L-avukati difensuri ta' IOR talbu fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2022 li x-xhud Rolando Maranci jkollu l-fakolta' li jixhed b'mod virtwali. Dakinhar ma kienx hemm objezzjoni mill-konvenuti u l-Qorti tat dik il-fakolta'.

3. Ġara iżda li fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022 l-avukat difensur tal-konvenuti talab li l-kontro-eżami ta' Rolando Marranci li kellu jseħħ fis-seduta sussegwenti tas-27 ta' Settembru 2022 ma jzirx bil-mezz viritwali iżda billi x-xhud jattendi fiżikament il-Qorti. L-avukati ta' IOR ma qablux. Il-Qorti, wara li semgħat lill-avukati difensuri tal-partijiet iddekretat illi fiċ-ċirkostanzi kien deżiderabbli li x-xhud Rolando Marranci jidher fiżikament għas-seduta tas-27 ta' Settembru 2022 sabiex jiġi kontro-eżaminat mill-avukati difensuri tal-konvenuti dwar l-affidavit tiegħu ppreżentat in atti minn IOR.

4. Fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2022 ix-xhud Rolando Marranci ma deherx. L-avukat difensur ta' IOR informa lill-Qorti illi huwa kien ikkomunika max-xhud Rolando Marranci bil-għan li jkun preżenti għas-seduta iżda ġie informat mix-xhud li ma kienx dispost li jivvjaġġja lejn Malta. L-avukat difensur ta' IOR talab li l-kontro eżami tax-xhud Marranci jsir b'mod virtwali kif jiddisponu sew il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif ukoll ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea stante li x-xhud jirrisjedi fi stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea.

5. L-avukat difensur tal-konvenuti oppona għal din it-talba. Jimmotiva l-objezzjoni tal-konvenuti bil-mod segwenti:

*1) Dan mhux kaz fejn parti qed titlob li jixhed xhud taghha, izda ghall-kuntrarju Marranci accetta li jipprovdi affidavit fi proceduri*

*quddiem l-Qrati Maltin u ghalhekk messu kien konxju li huwa kellu jkun disponibbli ghall-kontro ezami dwar l-istess affidavit, li hu liberament ipprovda.*

*2) Din mijhiex l-ewwel darba li Rolando Marranci kellu jattendi ghall-kontro ezami, b'dan illi, fis-seduta precedenti li kellha ssir 'online' mill-Qorti, kienet ukoll thassret fuq talba tieghu.*

*3) Kien hemm verbal car tal-Qorti li Ronaldo Marranci kellu jixhed fizikament illum, u ghalhekk in-nuqqas li jidher jissarraf fi ksur ta' ordni tal-Qorti minghajr gustifikazzjoni.*

*4) Huwa fl-interess taz-zewg partijiet li l-proceduri jimxu minghajr dewmien, ghax fuq kollox anke l-konvenuti ghandhom il-kontro talba taghhom.*

Għalhekk talab illi minħabba r-rifjut tax-xhud Marranci li jidher għas-seduta sabiex jiġi kontro-eżaminat l-affidavit tiegħu għandu jiġi sfilzat.

6. L-avukati ta' IOR min-naħa tagħhom talbu li x-xhud jiġi kontro-eżaminat bil-mezz ta' vidjokonferenza.

7. Wara li semgħat lill-avukati tal-partijiet il-Qorti iddekretat li ser tipprovdi kameralment dwar it-talbiet magħmula miż-żewġ naħat.

Ikkunsidrat;

8. Fil-liġi Maltija l-affidavit ta' xhieda li jirrisjedu fl-esteru huwa regolat bl-**artikolu 622A tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 613 sa 622, meta tkun tenħtieġ tinstama' x-xiehda ta' xhud li jkun jinsab barra minn Malta, u dik il-persuna tkun għamlet affidavit dwar fatti li tkun taf bihom quddiem xi awtorità jew persuna oħra li jkollha jedd f'dak il-pajjiż

fejn ikun joqgħod ix-xhud li tagħti ġuramenti, jew quddiem uffiċjal konsulari ta' Malta li jkun qed jaqdi dmirijietu fil-pajjiż fejn ikun joqgħod ix-xhud, dak l-affidavit kif debitament awtentikat ikun jista' jinġieb bi prova quddiem qorti f'Malta; u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 623, 624 u 625 għandhom ikunu jgħoddu għal kull affidavit bħal dak.

(2) L-affidavit li jsir b'dak il-mod għandu jiġi notifikat lill-parti jew lill-partijiet l-oħra, u kull parti fil-kawża li tkun tixtieq tagħmel kontro-eżami ta' dak ix-xhud għandha tagħmel rikors quddiem il-qorti sabiex hija teżamina lil dak ix-xhud permezz ta' ittri rogatorji mhux aktar tard minn għoxrin jum minn notifika ta' l-affidavit; u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar ittri rogatorji għandhom ikunu hekk jgħoddu mutatis mutandis.

(3) Jekk ma jsirx rikors kif imsemmi qabel, ma għandux jitħalla li jsir kontra-eżami tax-xhud sakemm ma tkunx il-qorti nnifisha li tordna li jsir dan għal raġuni valida; u dak l-affidavit għandu jitqies minkejja n-nuqqas ta' kontro-eżami.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, jekk il-partijiet jaqblu, il-qorti tista', jekk jidhrilha xieraq tagħti provvedimenti oħra dwar kif għandu jitmexxa l-kontro-eżami skont kif jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi

9. Minn qari tal-artikolu tal-liġi appena ċitat jirriżulta illi l-liġi nazzjonali tipprovdi dwar l-amminissibilita' ta' affidavits ta' xhieda li jirrisjedu fl-esteru liema artikolu kien ġie introdott fil-Kap. 12 permezz ta' Att XXIV tal-1995. Jikkontempla dan l-artikolu illi l-kontro eżami għandu jsir bil-mezz tar-rogatorji; proċedura pjuttost pedantika, burokratika u li tieħu żmien twil sabiex tiġi konkluża tant illi l-artikoli tal-liġi li jsegwu dak fuq ċitat jipprovdu illi jekk ir-risposti għar-rogatorji ma jilħqux jaslu sakemm il-qorti tal-prim' istanza tkun iddeċidiet il-kawża iżda jaslu waqt li jkun

għadu pendenti l-appell, l-istess huma ammissibbli li jidħlu in atti fl-istadju tal-appell.

10. Mill-1995 sallum ġew introdotti fil-proċedura ġudizzjarja nazzjonali meżżi oħrajn aktar effikaċi u effiċjenti dwar il-mod kif tista' tittieħed it-testimonjanza ta' xhud li jirrisjedi fl-esteru mingħajr il-ħtieġa li jiġi hawn Malta. Skont **artikolu 622B (2) tal-Kap. 12:**

> 2) Il-Qorti tista' wkoll tippermetti li x-xhieda ta' xi xhud, ukoll jekk preżenti f'Malta, tingħata permezz ta' vidjo konferenza jew permezz ta' telekonferenza minn tali post kif il-Qorti tista'tordna u bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet u direzzjonijiet kif il-Qorti jista' jidhrilha neċessarju

11. Skond il-liġi nostrana xhud li jirrisjedi fl-esteru jista' jiġi awtorizzat mill-Qorti sabiex jagħti t-testimonjanza tiegħu bil-mezz ta' video konferenza b'mod remot; proċedura din li l-Qorti tista' tadotta mhux biss fir-rigward ta' xhieda li jirrisjedu fl-esteru iżda wkoll, għal raġunijiet partikolari, fir-rigward ta' xhieda li jinstabu hawn Malta.

12. Il-konvenuti jikkontendu illi una volta x-xhud Marranci aċċetta li jiddeponi permezz ta' affidavit li kien jaf li kellu jiġi ppreżentat fi proċeduri ġudizzjarji ġewwa Malta, allura kien jaf ukoll li jista' jiġi msejjaħ quddiem il-qorti Maltija sabiex jiġi kontro-eżaminat dwar dak li niżżel fl-affidvati.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

13. Bħala punt ta' tluq għandu jingħad illi jekk xhud jagħtix it-testimonjanza tiegħu bil-mezz ta' affidavit jew inkella billi jiddeponi viva voce f'seduta quddiem il-qorti jew quddiem uffiċjali tal-qorti maħtur għal dak il-għan

hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-qorti, tenut kont il-fattispecie partikolari tal-każ kif ukoll ix-xorta ta' testimonjanza.

14. Kif rajna, il-liġi nazzjonali tippermetti illi xhieda fl-esteru jagħtu t-testimonjanza tagħhom fi proċess ġudizzjarju Malti permezz ta' affidavit mingħajr il-ħtieġa li jiġu hawn Malta. Kif anke l-kontro eżami tagħhom jista' jsir bil-użu tal-proċedura tar-rogatorji jew inkella b'mezzi oħra llum disponibbli fil-qafas statutorju nazzjonali bħal faċilita' ta' vidjokonferenzi u mezzi simili.

15. Mad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea saru applikabbli id-direttivi u r-regolamenti tal-Unjoni Ewropea fosthom dawk li huma mmirati għal kooperazzjoni bejn l-istati membri fejn jikkonċerna l-ġbir ta' provi fi stat membru in konnessjoni ma' proċeduri ġudizzjarji ċivili u kummerċjali fi stat membru ieħor.

16. **Sa Ġunju ta' din is-sena** r-regolament ewropew dwar il-koperazzjoni bejn stati membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'kawżi ċivili u kummerċjali kien ir-**Regolament tal-Kunsill nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001**. Peress li sussegwentenment kienu saru diversi emendi għal dak ir-regolament inħasset il-ħtieġa illi r-regolament jiġi riformulat (recast) fl-interess taċ-ċarezza.

17. B'effett mill-1 ta' Lulju 2022 daħal fis-seħħ **Regolament (EU) 2020/1783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materja ċivili jew kummerċjali (kumpilazzjoni tax-xhieda) (riformulazzjoni) (Taking of Evidence in Civil and Commercial Matters – EU Regulation (Recast).**

18. IOR qed tinvoka sew il-liġi nazzjonali kif ukoll dan ir-regolament in sostenn tat-talba tagħha sabiex ix-xhud Marranci jixhed in kontro-eżami bil-mezz ta' videokonferenza mingħajr ma jiġi hawn Malta. Tqis IOR illi l-konvenuti ma jistgħux jinsistu li x-xhud ta' bilfors jiġi Malta sabiex

jiddeponi viva voce in kontro-eżami una volta sew il-liġi nazzjonali kif ukoll ir-regolament ewropew jagħtu l-fakolta tal-kumpilazzjoni ta' xhieda bil-mezz ta' videokonferenza mingħajr il-ħtieġa li xhud jiġi hawn Malta.

19. **Artikolu 20 tar-Regolament Ewropew 2020/1783** intitolat *Kumpilazzjoni diretta tax-xhieda permezz ta' vidjokonferenza jew ta' teknoloġija ta' komunikazzjoni mill-bogħod oħra* jipprovdi kif ġej:

> 1. Fejn ix-xhieda għandha tiġi kkumpilata bl-eżami ta' persuna li tkun tinsab fi Stat Membru ieħor, u l-qorti tirrikjedi l-kumpilazzjoni diretta tax-xhieda f'konformità mal-Artikolu 19, dik il-qorti għandha tagħmel il-kumpilazzjoni tax-xhieda permezz ta' vidjokonferenza jew ta' teknoloġija ta' komunikazzjoni mill-bogħod oħra dment li tali teknoloġija tkun disponibbli lill-qorti u l-qorti tqis l-użu ta' tali teknoloġija bħala adatta fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ.
>
> 2. Talba għall-kumpilazzjoni diretta tax-xhieda permezz ta' vidjokonferenza jew ta' teknoloġija ta' komunikazzjoni mill-bogħod oħra jenħtieġ li ssir bl-użu tal-formola N fl-Anness I. Il-qorti rikjedenti u l-korp ċentrali jew l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest jew il-qorti assenjata biex tipprovdi assistenza prattika fil-kumpilazzjoni diretta tax-xhieda għandhom jaqblu dwar l-arranġamenti prattiċi għas-smigħ.
>
> Fuq talba, il-qorti rikjedenti għandha tingħata assistenza biex issib interpretu, jekk ikun meħtieġ

20. Kull każ għandu l-fattispecie partikolari tiegħu. Il-kawża odjerna titratta mertu ta' kumplessita' notevoli fejn ġia ġew eżebiti kwantita kbira ta' dokumenti voluminużi illi x-xhieda qegħdin jiġu mistoqsija domandi dwarhom. Inoltre il-komportament tax-xhieda fuq il-pedana huwa dejjem meqjus bħala fattur rilevanti speċjalment fejn il-kredibilita' tax-xhieda tiġi kontestata min-naħa jew minn oħra.

21. Huwa evidenti għall-Qorti illi mhux prattikabbli li ttitieħed testimonjanza b'mod remot meta spiss ikun meħtieġ li x-xhud jiġi muri dokumenti in atti u mistoqsi dwarhom. Il-voluminożita' tad-dokumentazzjoni ġia' eżebita jagħmlu l-eżerċezzju ta' testimonjanza b'mod remot kważi impossibbli tenut kont b'mod partikolari illi l-qorti m'għandiex il-mezzi teknoloġiċi idonei sabiex xhud li qed jixhed b'mod remot jiġi muri l-atti li jinsabu quddiemha.

22. Din ix-xorta ta' diffikulta' hija wkoll kontemplata fir-regolament Ewropew applikabbli. **Paragrafu 21 tal-introduzzjoni għar-Regolament EU 2020/1783** jipprovdi illi:

> It-teknoloġija tal-komunikazzjoni moderna, pereżempju l-vidjokonferenza, li hija mezz importanti biex tiġi ssimplifikata u aċċellerata l-kumpilazzjoni tax-xhieda, bħalissa mhux qed tintuża bil-potenzjal sħiħ tagħha. Fejn ix-xhieda għandha tiġi kkumpilata billi persuna tiġi eżaminata bħal xhud, parti fil-proċedimenti jew espert preżenti fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li l-qorti rikjedenti tikkumpila dik ix-xhieda direttament permezz ta' vidjokonferenza jew ta' teknoloġija ta' komunikazzjoni mill-bogħod oħra, jekk dik it-teknoloġija tkun disponibbli għall-qorti u l-qorti tqis li l-użu ta' din it-teknoloġija jkun xieraq minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ u l-kondotta xierqa tal-proċedimenti.

23. Kif ġia esprimiet ruħha aktar qabel, il-Qorti tqis illi minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, ma tqisx li huwa xieraq illi l-kontro-eżami tax-xhud Marranci isir bil-mezz ta' vidjokonferenza.

24. Huwa minnu li Rolando Marranci m'għadux uffiċjal ta' IOR, iżda l-fatt li volontarjament irrilaxxja affidavit sabiex jitressaq bħala prova f'dawn il-proċeduri kellha tkun għalih prevedibbli l-possibilita' li jiġi mitlub jidher quddiem il-Qorti Maltija sabiex jiġi kontro-eżaminat dwar l-affidavit tiegħu. Il-Qorti ma ingħatat l-ebda raġuni valida għaliex ix-xhud Marranci qed jirrifjuta li jidher fiżikament waqt seduta quddiem il-qorti ma deherx

sabiex jiġi kontro-eżaminat. L-unika raġuni li tresqet kienet li x-xhud "ma xdtaqx".

25. A propositu, ssir referenza għas-sentenza **Lippens vs. Kortekaas** mogħtija mill-**Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fl-1 ta' April 2011**, li għalkemm titratta ir-regolament predeċessur ta' dak in vigore llum xorta għadha rilevanti. Jingħad hekk fir-rigward tad-diskrezzjoni li għandhom il-qrati nazzjonali li jinsistu li xhud li jirrisjedi fl-esteru jidher quddiemhom sabiex jagħti t-testimonjanza:

> *25 As a preliminary point, it must be recalled that, according to Article 1(1) of Regulation No 1206/2001, that regulation is applicable in civil or commercial matters where a court of a Member State, in accordance with the provisions of its legislation, either requests the competent court of another Member State to take evidence or takes such evidence directly in the latter State.*
>
> *26 In that regard, it must be held, first of all, that the scope ratione materiae of Regulation No 1206/2001, as defined by that article and as is clear from the scheme of that regulation, is limited to two methods of taking evidence, namely the taking of evidence by the requested court in accordance with Articles 10 to 16 thereof following a request from the requesting court of another Member State and the taking of evidence directly by the requesting court in another Member State, the detailed rules for which are set out in Article 17 of the regulation.*
>
> *27 However, Regulation No 1206/2001 does not contain any provision governing or excluding the possibility, for the court in one Member State, of summoning a party residing in another Member State to appear and make a witness statement directly before it.*
>
> *28 It follows that Regulation No 1206/2001 applies as a general rule only if the court of a Member State decides to take evidence according to one of the two methods provided for by that regulation,*

*in which case it is required to follow the procedures relating to those methods.*

26. Il-Qorti hi tal-fehma illi l-użu tal-video konferenzi għas-smiegħ tax-xhieda fil-kawżi għandha tkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, speċjalment f'dawk il-kawżi bħal dik odjerna fejn il-verzjonijiet tal-partijiet huma kontrastanti u fejn allura l-kredibilita' tax-xhieda hija fattur determinanti.

27. Għalkemm huwa minnu li f'ċerti kawżi il-ġbir tax-xhieda bil-mezz ta' vidjokonferenza hija għodda siewja ħafna speċjalment fejn jikkonċerna xhieda ta' esperti fil-materja li l-qorti jkollha quddiemha jew xhieda newtrali, mhux l-istess jista' jingħad fejn ix-xhieda huma parti fil-kawża jew direttament involuta fil-vertenza.

28. Hemm diversi domandi li ma jidhirx li ġew indirizzati fir-Regolament 2020/1743 fejn si tratta ta' smiegħ b'mod virtwali u remot. M'humiex indirizzati sitwazzjonijet fejn f'nofs testimonjanza x-xhud jieqaf jirrispondi mingħajr raġuni valida; jew inkella jekk waqt li qed tisma' x-xhieda b'mod remot il-qorti tqis li x-xhud qed jikkommetti sperġur; jew inkella jekk ix-xhud jgħid kummenti jew jagħmel atti li jikkostitwixxu atti ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti; lanqas ma huma indirizzati sitwazzjonijiet fejn mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti xhud bil-mezz ta' vidjokonferenza jirrekordja sew l-awdjo u sew il-video tas-smiegħ virtwali u jitfgħu fuq il-mezzi soċjali. Ir-regolament ewropew huwa sieket dwar dan kollu.

29. Għalkemm il-liġi nazzjonali tippermetti affidavits ta' xhieda li jirrisjedu fl-esteru u li l-kontro eżami jsirilhom b'mod remot, fl-istess ħin tibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-qorti jekk il-kontro eżami relattiv isirx bil-presenza fiżika tax-xhud waqt is-seduta quddiem il-qorti jew inkella bil-mezz virtwali. Din il-konsiderazzjoni tal-Qorti hija wkoll msejsa fuq il-prinċipju ta' "*equality of arms*" f'kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji kontenzjużi.

30. Minħabba l-fattispeċie partikolari tal-kawża odjerna, il-mertu kumpless, il-provi dokumentarji voluminużi ġia' in atti, kif ukoll il-fatt li x-xhud Rolando Marranci ma xhedx sa issa quddiem awtorita' ġudizzjarja iżda għamel affidavit mingħajr is-salvagwardji li jipprovdi smiegħ ta' xhieda in eżami f'udjenza ġudizzjarja, tqis li ma hux xieraq li l-kontro-eżami tax-xhud Rolando Marranci jsir bil-meżż ta' vidjokonferenza.

31. Ix-xhuda Rolando Marranci għandu jattendi fiżikament għas-seduta quddiem il-qorti għal kontro-eżami tiegħu dwar l-affidavit minnu ppreparat u ppreżentat in atti.

**Digriet.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti,

1. **Tiċħad** it-talba ta' IOR sabiex ix-xhud Rolando Marranci jiġi kontro-eżaminat dwar l-affidavit tiegħu bil-mezz ta' vidjokonferenza.

2. **Tordna** lil IOR sabiex tieħu ħsieb li x-xhud Rolando Marranci jidher fiżikament quddiem il-Qorti sabiex jiġi kontro-eżaminat mill-avukati difensuri tal-konvenuti.

3. **Tipprovdi** dwar it-talba tal-konvenuti għall-isfilz tal-affidavit tax-xhud Rolando Marranci fi stadju ulterjuri jekk ikun il-każ

**Mogħti kameralment illum 14 ta' Novembru 2022.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**